**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012
**-----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA/1-2010(13_07_2010).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Lulju 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairman*.
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Membru.
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.
Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Mark Anthony Cassar - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-5 ta' Lulju 2010.

1. Introduzzjoni miċ-*Chairman* tal-Kumitat.
2. Sitwazzjoni amministrattiva tax-Xlendi.
3. Diskussjoni dwar Pjan ta' Ħidma tal-Kumitat.
4. Materji oħra.

**2.00 Introduzzjoni miċ-*Chairman* tal-Kumitat.**

2.01 Saret introduzzjoni miċ-*Chairman,* is-Sur Godwin Azzopardi fejn ta merħba lill-membri l-oħra eletti u talab il-koperazzjoni mill-membri kollha sabiex il-Kumitat jaħdem għall-istess għan, sabiex isir Xlendi aħjar.

**3.00 Sitwazzjoni amministrattiva tax-Xlendi.**

3.01 Tkellem is-Sindku, s-Sur Joseph Sultana. Huwa awgura ħidma flimkien. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-membri tal-Kumitat li x-Xlendi huwa post turistiku u l-prijorita' hija l-indafa. Irid jinħoloq bilanċ bejn ir-residenti, sidien ta' stabbilimenti kummerċjali u l-viżitaturi.

3.02 Is-Sindku spjega dwar servizzi li qed jingħataw fix-Xlendi u min huma l-Kuntratturi.

Spjega wkoll dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fit-triq tax-Xlendi fejn huwa ppjanat li jitlesta fl-aħħar t' Ottubru 2010. F' dan il-proġett hemm ippjanat li jsir *water culvert* biex jilqa' l-ilma li jinżel minn Triq Għajn Tuta u jmur għal ġol-Wied. Ser titranġa l-bokka tal-Wied fi Triq ir-Rabat. It-tkabbir tal-Bajja tax-Xlendi ma jistax isir qabel ma jsir *water culvert* għall-ilma tal-Wied. Hemm imwaqqaf Kumitat magħmul minn Rappreżentanti tal-Ministeru għal Għawdex, Lands Department, GTA u l-Kunsill. Qed jinħadem pjan ta' tisbiħ fix-Xlendi.

Huwa ppjanat li jinqala' l-*Parking* u l-Kunsill jiġi informat uffiċjalment. Il-pompa tad-drenaġġ ser titħarrek u tiġi n-naħa l-oħra tal-*boathouses*. Il-*Parking* ser jingħata disinn differenti u s-siġar ser jinqalgħu u jerġgħu jitħawwlu. Ser tiġi rranġata l-*boatyard* tax-Xlendi. Ser tiġi rranġata Triq San Xmun. Il-ħwienet ser ikunu kollha uniformi. Mill-Fond tal-UIF inxtraw *dustbins* u bankijiet tal-*concrete*. Għas-sistema ta' dawl fix-Xlendi ser ningħataw *funding* ta' €50,380. Saret *devolution* tat-Torri fejn dan ingħata lill-Kunsill ma' Din l-Art Ħelwa. S' issa tnaddaf minn voluntiera. Il-Perit Ivana Farrugia ser tagħmel rapport. Ser jiġi ffirmat kuntratt bejn il-Kunsill u Din l-Art Ħelwa. Fil-Mitħna beda jsir irranġar mill-EIPP Fund. Il-Kunsill ser jingħata fondi sabiex l-istatwa ta' Sant' Indrija titranġa. Qegħdin isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni mill-ħaddiema ta' l-IPSL. Tħawwlu pjanti fil-*pots*. Hemm approvat sabiex isir Monti fix-Xlendi fix-xhur tax-Xitwa. L-MTA ser tieħu ħsieb u tibdel slielem ta' l-i*stainless steel*.

**4.00 Materji oħra.**

4.01 Ġie deċiż li fil-laqgħa li jmiss il-Kumitat jiddiskuti dwar:

i. Memo 73/2010 - Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.

ii. Memo 94/2010 - Skema ta' finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet tagħhom - €20,000.

iii. Memo 95/2010 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011.

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li ssir laqgħa mar-Rettur tal-Knisja tax-Xlendi flimkien mal-Kumitat li jieħu ħsieb il-logħob tal-baħar.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairman.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***